MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Numru. 4/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit )**

**vs**

**GIUGLIO ZARB**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Giuglio Zarb ta’ 52 sena iben Amabile Carmelo u Mary nee’ Borg imwieled San Giljan fi 2 t’Ottubru 1957 u joqghod 91, Triq Spinola, San Giljan detentur tal-karta ta’ l-Identita’ b’numru 657757M

Gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, u cioe’ bejn il-perjodu ta’ bejn l-1 t’Ottubru 2009 u s-16 ta’ Novembru 2009 b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjinijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet

foloz  jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza jew ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama’ jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi 2329.37 Euros ghad-dannu ta’ Joseph Orlando minn Hal Tarxien, Jesmond Micallef minn Msida, Joseph Xuereb minn Marsaskala, Kurt Abela mill-Madliena, u Joseph Camilleri mis-Swieqi.

U aktar talli fl-istess dati lok hinijiet u cirkustanzi ghamel qliegh iehor b’qerq cioe’ il-qliegh ta’ diversi oggetti ghal valur ta’ madwar 5761 Euros ghad-dannu ta’ Joseph Orlando minn Hal Tarxien, Jesmond Micallef minn Msida, Joseph Xuereb minn Marsaskala, Kurt Abela mill-Madliena, u Joseph Camilleri mis-Swieqi.

U aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta sentenza sospiza, ai termini ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 15 t’Ottubru 2008.
U b’hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 30 ta’ Awwissu, 2011 u nnutat li l-imputat Giuglio Zarb m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-

akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 308, 309, 310(a), 18, 28A, 28B u 28C, 49, 50, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Giuglio Zarb, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, nkwantu ghall-akkuzi kollha salv it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat tikkundanna lill-imputat Giuglio Zarb ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18)-il xahar prigunerija u tmien mitt Ewro (Ewro 800) multa u nkwantu ghat-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-istess imputat tordna li fil-konfront tal-imputat Giuglio Zarb tigi resa operattiva s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-15 ta’ Ottubru, 2008 fl-ismijiet “Il-Pulizija (Ian Joseph Abdilla) vs Giuglio Zarb” (Dok SZ3 minn fol. 11 sa fol. 14 tal-Process) u fejn l-imputat Giuglio Zarb gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghall-erba’ (4) snin, u b’hekk l-imputat Giuglio Zarb ghandu jaghmel b’kollox tlett (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------